



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 5 ta' Settembru 2025  
(OR. en)

12255/25

CDR 48

#### **ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li taħtar membru supplenti, propost mir-  
Repubblika tal-Portugall, fil-Komitat tar-Reġjuni

---

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/...**

**ta' ...**

**li taħtar membru supplenti,  
propost mir-Repubblika Portugiża,  
fil-Kumitat tar-Reġjuni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/852 tal-21 ta' Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni<sup>1</sup>,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Gvern Portugiż,

---

<sup>1</sup> ĠU L 139, 27.5.2019, p. 13 (ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2019/852/oj>).

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 300(3) tat-Trattat, il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-korpi reġjonali u lokali, li jew ikollhom mandat elettoralali ta' awtorità reġjonali jew lokali jew ikunu politikament responsabbli quddiem assemblea eletta.
- (2) Fl-10 ta' Diċembru 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2025/71<sup>2</sup>, li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2025 sal-25 ta' Jannar 2030.
- (3) Konsegwentement għal tmiem il-mandat nazzjonali li abbażi tiegħu ġie propost għall-ħatra s-Sur Rogério DE ANDRADE GOUVEIA sar vakanti s-siġġu ta' membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni.
- (4) Il-Gvern Portugiż ippropona lis-Sur Duarte Nuno NUNES DE FREITAS, rappreżentant ta' korp reġjonali li għandu mandat elettoralali ta' awtorità reġjonali, *Secretário Regional das Finanças do Governo Regional da Madeira* (Segretarju Reġjonali tal-Finanzi tal-Gvern Reġjonali ta' Madeira), bħala membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2030.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

<sup>2</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/71 tal-10 ta' Diċembru 2024 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2025 sal-25 ta' Jannar 2030 (ĠU L, 2025/71, 16.1.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2025/71/oj>).

### *Artikolu 1*

Is-Sur Duarte Nuno NUNES DE FREITAS, rappreżentant ta' korp reġjonali li għandu mandat elettoral ta' awtorità reġjonali, *Secretário Regional das Finanças do Governo Regional da Madeira* (Segretarju Reġjonali tal-Finanzi tal-Gvern Reġjonali ta' Madeira), huwa b'dan maħtur bħala membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2030.

### *Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---